# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 10***

***5.30p.m 12 ta' Marzu 2020***

### ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

### ***Assenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |

### ***Uffiċjal Preżenti***

| | |
|---|---|
| Edward Spiteri Audibert | - Segretarju Ezekuttiv |

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *10.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

10.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lil dawk preżenti sabiex issir minuta silenzju b'sinjal ta' rispett lejn Omm il-Kunsillier is-Sur Francis Debono li għaddiet għall-ħajja ta' dejjem matul dik il-gimgħa.

## *10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

10.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 9 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

10.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li minħabba ċ-ċirkostanzi attwali fil-pajjiż minħabba l-imxija tal-Coronavirus ser ikunu qed jonqsu s-servizzi mogħtija mill-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex sabiex jiġi llimitat l-kuntatt bejn il-persuni. B'hekk kulħadd ser ikun imħeġġeġ juża t-telefon u l-mezzi soċjali ta' kommunikazzjoni.

10.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li jixtieq li mill-gimgħa d-dieħla l-Kunsill jqabbad xi kumpanija tat-tindif sabiex isir it-tindif neċessarju fil-bini tal-Kunsill sabiex dejjem tiġi mħarsa s-saħħa ta' kull min jattendi, sew ħaddiema u residenti.

## *10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

10.4.1 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri reġa'fakkar il-Kunsill li n-niċċa tal-Madonna li hemm fi Triq Diċembru Tlettax tinsab mitfija. Huwa qal li hemm bżon t' iktar -infurzar fil-lokalita' hekk kif qed tiżdied il-prostituzzjoni. Sadanittant huwa qal ukoll li għal ħafna żmien qed ikun hemm van ipparkjat fi Triq Feliċjan Bilocca li l-użu tiegħu għal-ħanut li hemm biswit huwa sempliċiment biex jintuża bħala friġġ. Il-Viċi Sindku rrimarka li fetaħ ħanut bieb ma bieb mall-pigeon club huwa bar u x'ħin jitlaq ineħħi van u jpoġġi cone, li huwa kontra l-liġi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb dawn l-ilmenti b'mod immedjat, iżda ser ikun qed jitlob laqgħa mall-Minitru tal-Intern sabiex jiddiskuti dawn il-problemi li lhom għaddejjin għal ħafna żmien.

10.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia żied jgħid ma dak li qal l-Viċi Sindku li hemm ħanut partikolari fejn qed ikun hemm ħafna ġlied mall-barranin. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għalhekk huwa importanti li jkun hemm laqgħa mall-Onorevoli Ministru Byron.

10.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace wera' ritratti ta' Triq Feliċjan Bilocca fejn ikun hemm dan il-van li semma l-Viċi Sindku u qal li jixtieq jipproponi li tiċkien il-bankina sabiex jitneħħew dawn l-illegalitajiet u jiżdiedu l-arkeġġi fl-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li jaqbel ma din il-proposta u l-Kunsill ser ikun qed jitlob lill-Transport Malta sabiex nieħdu l-permessi meħtieġa.

10.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab sabiex jitneħħa l-ewwel parking bay fiż-żona ta' fejn hemm Isouard Street ma Marsa Road minħabba li qed jeħel it-traffiku, jekk jistgħax jiżdied id-dawl fil-Menqa, bollards fi Sqaq numru 1, u l-għeluq tal-bieb tat-Tramstation. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rringrazzja l-Kunsillier talli aktar kmieni matul il-gimgħa bgħat il-mistoqsijiet tiegħu l-Kunsill u b'hekk stajna naħdmu fuqhom min qabel. Huwa rrassikurah li hemm qbil li jitneħħa dak il-parking imsemmi, li d-dawl fil-Menqa għandhu jiżdied u li diġa' bbukjajna li jsiru bollards fi Sqaq numru 1 Marsa Road. Dwar it-Tram Station, is-Sindku qal li diġa' avża lis-Supratendenza tal-Kultura dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina daħlet għall-laqgħa fil-5.50p.m.

10.4.5. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace xtaq ifakkar il-Kunsill dwar il-one way directions fi Triq Saura, Triq il-Kunċizzjoni u triq tal-Karmnu u dwar il-possibilita' li ssir laqgħa mall-ETC/Jobsplus minħabba iż-żieda eżaġerata tal-persuni jfittxu għax-xogħol quddiem il-BOV. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill diġa' nforma lill-Transport Malta dwar il-one way directions. Dwar il-laqgħa mall-Jobsplus is-Sindku qal li l-ewwel għandna nagħmlu laqgħa mall-Ministru u wara dan jista' jsir.

10.4.6. Il-Viċi Sindku s-sur Joseph Scerri qal dwar il-one-way directions hemm problema f'Azzopardi Street. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar dan diġa' tkellem mall-perit tal-Kunsill u wrieħ bid-dettal liema huma l-postijiet problematiċi. Il-Perit qallu li xorta waħda jrid isir assessjar sew tal-post u li ser ikun qed jaħdem biex isir pjan konkret dwar dan.

10.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm van maħruq f'Xemxija Street u li għadu hemm. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kien kellem l-Ispettur dwar dan imma qallu li kien qed issir inkjesta u għaldaqstant ma setgħax jitneħħa min hemm. Madanakollu, peress li ssa ilu hemm mhux ħażin is-Sindku ser jerġa' jkellem lill-Ispettur dwar dan.

## *10.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 03/2020 annessa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace rrimarka li hemm bżonn li jitkellem mall-kuntrattur tal-knis tal-korsa fil-preżenza tas-Sindku minħabba li huwa mhuwiex kuntent bis-servizz li qiegħed isir. Filwaqt li għal din id-darba mhuwiex ser jopponi l-ħlas lill-kuntrattur, madanakollu l-affarijiet iridu

jitranġaw. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *10.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

10.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara s-seduta li għaddiet il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer bgħat ittra formali fejn kien qed jitlob sabiex il-Kunsillier is-Sur Colin Pace jagħmel apoloġija dwar allegazzjonijiet fil-konfront tas-Sur Spencer li mhumiex aċċettabli f'seduta demokratika tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace għamel apoloġija mmedjata dwar dak li qal fis-seduta preċedenti.

10.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Storika u Kulturali Marsa qed tinforma lill-Kunsill bil-problema li bħalissa għandha dwar il-materjal miġbur li jappartjeni lill-Marsa Boċċi Klabb u qed titlob jekk dan jistgħax jinzamm mill-Kunsill. Is-Sindku qal li fil-Kunsill m'hawnx post fejn jinżammu u għandhom jgħaddu lill-Federazzjoni tal-Boċċi sabiex jiġu ggwidati dwar dan. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

10.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Paroċċa Trinita' Qaddisa qed tistaqsi l-Kunsill jekk huwiex interessat jagħmel reklam ta' €200 fuq il-fuljett tal-Festa li din is-sena ser issir fis-7 ta' Gunju. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

10.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Membri tal-Kunsill li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa ser itella Kunċert ta' Mużika Sagra nhar is—6 t'April . Għalhekk qed nistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama fuq il-publikazzjonijiet relatati ma dan il-kunċert għall-prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Colin pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

10.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ċ-Ċentru taz-Zgħazagħ ta' Balzan qed jistaqsu jekk jistgħux jagħmlu użu mill-Ground tal-Football sabiex jorganizzaw tournament nhar il-31 ta' Marzu 2020. Wara diskussjoni l-Kunsilliera qablu li jista' jsir użu mill-Ground iżda għal donation lil Marigold Foundation jew lill-Puttinu Cares jew lill-Istrina ta' minimu ta' €50. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

10.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq qed jistenna risposta dwar il-proposta biex tissemma Trejqet il-Qronfol Tork u proposti oħra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din it-tema tista titla f'seduta oħra.

10.6.7. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-exk-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ippropona li jingħata apprezzament post mortem is-Sur Mario Mallia li huwa l-exks CEO tal-bank of Valletta li kien jgħix fi Triq Isouard. Wara diskussjoni ġie miftiehem li dan l-unur jingħata f'Jannar tas-sena d-dieħla f'Jum il-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vvot favur kien unanimu.

10.6.8 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kuntrattur tal-ġonna qed jitlob sabiex b'mod immedjat il-kunsill jixtri 23 bins ġodda u 32 buckets ġodda li jitqegħdu fil-bins. Peress li din

hija spiża kbira, tkun ideja tajba jekk il-bins jinxtraw ftit ftit u hekk ma nżidux pizijiet bla bżonn. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace rrimarka li forsi tkun ideja tajba jekk ninvolvu l-għaqdiet u persuni bis-sengħa fil-lokalita' sabiex isiru dawn il-bins. Filwaqt li l-ideja hija waħda tajba s-Sindku rrimarka li sabiex ma jkunx hemm dewmien tajjeb li jibdew jinxtraw il-bins. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

10.6.9 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed jitolbu sabiex il-Kunsill idaħħal meter ġdid sabiex jerġa' jibda jiġi armat Triq is-Salib tal-Marsa wara li s-sena li għaddiet instabu xi affarijiet li mhux kif sippost. Jekk jsir dan huma lesti jarmaw set t'armar b'xejn għall-Milied. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li huwa jaf li hemm kumpanija privata li lesti tikri l-meter. Wara li ħadd ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer daħal fis-seduta fis-6.25p.m.

## *10.7 Attivita' ta' Jum L-Omm*

10.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minħabba ċ-ċirkostanzi tal-Coronavirus huma ferm importanti li din l-attivita' tkun kkanċellata u ssir aktar il-quddiem meta din is-sitwazzjoni tiġi solvuta u ma jkun hemm periklu lejn ħadd. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *10.8 Kont tad-dawl ta' Ġnien Belvedere*

10.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra d-dettalji dwar il-kont tal-ilma ta' Ġnien Belvedere. Huwa nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Kont għadda f'idejn il-Kunsill nhar it-30 ta' Ġunju tas-sena 2000 mid-Dipartiment tal-Agrikoltura fejn għal diversi snin dan kien jitħallas mill-Kunsill Lokali tal-Marsa. Fis-sena 2015, is-Segretarju Eżekkuttiv ta' dak iż-żmien kien talab l-ELC, li kellhom it-tender tal-ġonna sabiex jitħallas l-ammont totali tal-kont tal-ilma mis-sena 2007 sas-sena 2015. Dan sar u wara l-kont beda' jitnaqqas mill-ammont dovut lill-ELC kull xahar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa ma jaf b'xejn dwar dan minkejja li kien Kunsillier f'dik il-leġislatura, u talab sabiex issir kjarifika mill-ex Sindku s-Sur Francis Debono u mill-ex Segretarju s-Sur Adrian Attard. Wara diskussjoni s-Sindku qal li jekk l-ilma qiegħed fuq ġewwa tal-bini, l-Kunsill ser jitlob lill-ARMS biex dan jitqiegħed fuq barra. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *10.9 Sleeping Police Zerafa Street*

10.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm bżonn li ssir sleeping police f'Zerafa Street fejn hemm il-Ġnien Belvedere minħabba li bosta jkunu ir-residenti nkwetati bl-ispeed eċċessiv li jsuqu xi wħud. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li anke Isouard Street l-isfel mis-St. Michael's

Bar hemm bżonn sleeping police. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *10.10 Zebra Cross Spencer Hill*

9.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex issir zebra crossing fi Spencer Hill fejn il-binja tal-Gvern sabiex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu min hemm u mhux jiżlu l-isfel. Ġie miftiehem li minflok issir zebra cross ġdida dik li hemm iktar l-isfel titla' l-fuq. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *10.11 'Doggy Bins' madwar il-lokalita'*

10.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jixtieq jipproponi li jsiru madwar għaxar d'doggy bins' madwar il-lokalita'. Kien hawn fejn semma l-postijiet. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ikkommetta li jistaqsi l-kumpaniji privati dwar jekk humiex interessati jixtru dawn il-bins sabiex jgħinu l-lokalita' li fiha joperaw aktar nadifa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *10.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

10.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm u ġiet aġġornata għat-8 t'Arpil fis-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |